SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

15 ta' Diċembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-persuni — Drittijiet tal-ħaddiema — Ugwaljanza fit-trattament — Benefiċċji soċjali — Għajnuna finanzjarja għat-tkomplija ta' studji f'edukazzjoni ogħla — Kundizzjoni ta' filjazzjoni — Kunċett ta' 'wild' — Wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat — Kontribuzzjoni għall-manteniment ta' dan il-wild"

Fil-Kawżi magħquda C-401/15 sa C-403/15,

li għandhom bħala suġġett tliet talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour administrative (qorti amministrattiva, il-Lussemburgu), permezz ta' deċiżjonijiet tat-22 ta' Lulju 2015, li waslu l-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Lulju 2015, fil-proċeduri

Noémie Depesme (C-401/15),

Saïd Kerrou (C-401/15),

Adrien Kauffmann (C-402/15),

Maxime Lefort (C-403/15)

vs

Ministre de l'Enseignement supérieur et de la Recherche,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Prechal, A. Rosas (Relatur), C. Toader u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal N. Depesme u S. Kerrou, minn P. Peuvrel, avukat,

— għal A. Kauffmann, minn S. Jacquet, avukat,

— għal M. Lefort, minn S. Coï, avukat,

— għall-Gvern Lussemburgiż, minn D. Holderer, bħala aġent, assistita minn P. Kinsch, avukat,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Martin u M. Kellerbauer, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 TFUE u tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2011, L 141, p. 1).

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' tliet kawżi bejn, rispettivament, Noémie Depesme flimkien ma' Saïd Kerrou, Adrien Kauffmann flimkien ma' Maxime Lefort u l-Ministre de l'Enseignement supérieur et de la Recherche (il-Ministru għall-edukazzjoni ogħla u għar-riċerka, il-Lussemburgu, iktar 'il quddiem il-"Ministru") dwar ir-rifjut tal-għoti, għas-sena akkademika 2013/2014, lil N. Depesme kif ukoll lil A. Kauffmann u M. Lefort, ta' għajnuna finanzjarja għal studji f'edukazzjoni ogħla.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15):

"1. Ħaddiem ċittadin ta' xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ikun trattat b'mod differenti minn ħaddiema nazzjonali minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe kondizzjoni tal-impjieg u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta' rimunerazzjoni, tkeċċija u jekk hu jisfa' mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjieg mill-ġdid.

2. Huwa għandu jgawdi l-istess vantaġġi [benefiċċji] soċjali u ta' taxxa bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

[...]"

4 L-Artikolu 10 tar'Regolament Nru 1612/68 kien jipprovdi:

"1. Dawn li ġejjin għandhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom, ikollhom id-dritt li jinstallaw ruħhom ma' ħaddiem li hu ċittadin ta' Stat Membru wieħed u li hu mpjegat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor:

a) il-mara tiegħu [konjuġi] u d-dixxendenti tagħhom li huma taħt l-età ta' 21 sena jew huma dipendenti;

[…]"

5 L-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68 ġie mħassar bid-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda

r-Regolament Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

6 Il-premessi 3 u 5 tad-Direttiva 2004/38 jiddikjaraw:

"(3) Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni għandha tkun l-istatus fondamentali taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri meta huma jeżerċitaw d-dritt tagħhom ta' moviment liberu u ta' residenza. Hu għalhekk neċessarju li jiġu kkodifikati u riveduti l-istrumenti komunitarji eżistenti li jittrattaw separament lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom kif ukoll lill-istudenti u lill-persuni oħrajn mhux attivi sabiex jissimplifikaw u jsaħħu d-dritt ta' moviment liberu u residenza taċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni.

[...]

(5) Id-dritt taċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li jiċċaqalu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri għandu, jekk se jiġi eżerċitat taħt il-kondizzjonijiet objettivi tal-libertà u d-dinjità, jingħata wkoll lill-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjoni ta' 'membri tal-familja' għandha tinkludi wkoll is-sieħeb/sieħba reġistrat/reġistrata jekk il-leġislazzjoni tal-Membru Stat li qed jospita jikkonsidra koppja bħal din bħala ekwivalent għal żwieġ."

7 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

[...]

2) 'membru tal-familja' tfisser:

(a) ir-raġel jew martu;

(b) is-sieħeb/sieħba li daħal/daħlet f'kuntratt ta' unjoni reġistrata maċ-ċittadin/a ta' l-Unjon, skond il-bażi tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru, jekk il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ospitanti tikkonsidra bħala ugwali għal żwieġ l-unjonijiet reġistrati u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti ta' l-Istat Memrbu ospitanti;

(c) id-dixxendenti diretti li għandhom inqas minn 21 sena jew li huma dipendenti u dawk tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb/sieħba kif imfissra fil-punt (b);

[...]

[...]"

8 Ir-Regolament Nru 1612/68 ġie mħassar u ssostitwit, b'effett mis-16 ta' Ġunju 2011, bir-Regolament Nru 492/2011. L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011 irriproduċa l-kliem tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68.

9 Il-premessa 1 tad-Direttiva 2014/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' April 2014, dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema (ĠU 2014, L 128, p. 8), hija redatta kif ġej:

"Il-moviment liberu tal-ħaddiema huwa libertà fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni u wieħed mill-pilastri tas-suq intern fl-Unjoni proklamat fl-Artikolu 45 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-implimentazzjoni tiegħu hija żviluppata aktar mil-liġi tal-Unjoni immirata biex tiggarantixxi l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. 'Membri tal-familja tagħhom' għandha tinftiehem fl-istess sens tat-terminu kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tapplika wkoll għal membri tal-familja ta' ħaddiema tal-fruntiera."

10 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-applikazzjoni u l-infurzar uniformi fil-prattika tad-drittijiet mogħtija mill-Artikolu 45 tat-TFUE u l-Artikoli 1 sa 10 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011. Din id-Direttiva tapplika għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jeżerċitaw dawk id-drittijiet u għall-membri tal-familja tagħhom ('ħaddiema tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom')."

11 Skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva:

"1. Din id-Direttiva tapplika għas-suġġetti li ġejjin, kif imsemmija fl-Artikoli 1 sa 10 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011, fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema:

[...]

c) l-aċċess għall-vantaġġi [benefiċċji] soċjali u fiskali;

[...]

2. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva huwa identiku għal dak tar-Regolament [Nru 492/2011]."

Id-dritt Lussemburgiż

12 L-għajnuna finanzjarja tal-Istat għal studji f'edukazzjoni ogħla kienet irregolata, fi żmien il-fatti fil-kawża prinċipali, bil-Liġi tat-22 ta' Ġunju 2000, dwar l-għajnuna finanzjarja tal-Istat għal studji f'edukazzjoni ogħla (*Mémorial* A 2000, p. 1106), kif emendata bil-Liġi tad-19 ta' Lulju 2013 (*Mémorial* A 2013, p. 3214, iktar 'il quddiem il-"Liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000").

13 Il-Liġi tad-19 ta' Lulju 2013, li ġiet adottata b'konsegwenza tas-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et* (C-20/12, EU:C:2013:411) u fejn l-emendi magħmula għal-Liġi tat-22 ta' Ġunju 2000 kienu jirrigwardaw biss is-sena akkademika 2013/2014, inkludiet Artikolu 2bis għal din il-liġi tal-aħħar.

14 L-Artikolu 2bis tal-Liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000 kien redatt kif ġej:

"Student li ma huwiex residenti fil-Grand Dukat tal-Lussemburgu jista' jibbenefika wkoll mill-għajnuna finanzjarja għal studji f'edukazzjoni ogħla, suġġett għall-kundizzjoni li jkun il-wild ta' ħaddiem impjegat jew li jaħdem għal rasu, ċittadin Lussemburgiż jew ċittadin tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat ieħor parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11 Vol. 19, p. 146)] jew tal-Konfederazzjoni Svizzera, impjegat jew li jwettaq l-attività tiegħu fil-Lussemburgu, u li dan il-ħaddiem ikun ilu impjegat jew ikun wettaq l-attività tiegħu fil-Lussemburgu għal perijodu mhux interrot ta' mill-inqas ħames snin fil-mument li fih tkun saret

it-talba għal għajnuna finanzjarja għal studji f'edukazzjoni ogħla mill-istudent. L-impjieg fil-Lussemburgu għandu jkun mill-inqas daqs in-nofs tal-perijodu ta' xogħol normali applikabbli fl-impriża abbażi tal-liġi jew tal-ftehim kollettiv tax-xogħol li huwa fis-seħħ, jekk ikun il-każ. Il-ħaddiem li jaħdem għal rasu jrid ikun baqa', b'mod obbligatorju u b'mod kontinwu fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu abbażi tal-punt 4 tal-Artikolu 1 tal-Code de la sécurité sociale (kodiċi tas-sigurtà soċjali), waqt il-ħames snin preċedenti għat-talba għal għajnuna finanzjarja għal studji f'edukazzjoni ogħla."

15 Il-liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000, tħassret bil-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014 dwar l-għajnuna finanzjarja tal-Istat għall-edukazzjoni ogħla (*Mémorial* A 2014, p. 2188).

16 L-Artikolu 3 ta' din il-liġi tal-aħħar jipprovdi:

"Jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna finanzjarja tal-Istat għal studji f'edukazzjoni ogħla, l-istudenti u t-tfak tal-iskola ddefiniti fl-Artikolu 2, deskritti minn issa 'l quddiem bit-terminu 'l-istudent', u li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

[...]

(5) għall-istudenti mhux residenti fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu:

[...]

b) li tkun il-wild ta' ħaddiem ċittadin Lussemburgiż jew ċittadin tal-Unjoni Ewropeja jew ta' Stat ieħor parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Konfederazzjoni Svizzera impjegat jew li jwettaq l-attività tiegħu fil-Gran Dukat Lussemburgu fil-mument li fih tressqet it-talba mill-istudent għal għajnuna finanzjarja għal edukazzjoni ogħla, taħt il-kundizzjoni li dan il-ħaddiem ikompli jikkontribwixxi għall-manteniment tal-istudent u li dan il-ħaddiem ikun ilu impjegat jew ikun wettaq l-attività tiegħu fil-Lussemburgu għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin fil-mument li fih tkun saret it-talba għal għajnuna finanzjarja għal studji f'edukazzjoni ogħla mill-istudent waqt perijodu ta' referenza ta' seba' snin li jibdew jiddekorru retroattivament mid-data tat-talba għall-kisba tal-għajnuna finanzjarja għal studji f'edukazzjoni ogħla jew li, b'deroga, il-persuna li għandha l-istatus ta' ħaddiem ikun issodisfa l-kriterju ta' ħames snin fuq seba' stabbilit minn qabel fil-mument li ntemmet l-attività."

[...]"

Il-kawżi prinċipali u d-domanda preliminari

17 Il-kawżi prinċipali jittrattaw il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-għajnuniet finanzjarji allokati, għas-sena akkademika 2013/2014, mill-Istat Lussemburgiż lill-istudenti mhux residenti fil-Lussemburgu bil-għan li jsegwu studji f'edukazzjoni ogħla, previsti mil-Liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000.

18 Konformement mal-imsemmija liġi, din l-għajnuna finanzjarja tingħata lill-istudenti li ma jirrisjedux fil-Lussemburgu bil-kundizzjoni, minn naħa, li dawn ikunu wild ħaddiem impjegat jew mhux impjegat, ċittadin Lussemburgiż jew ċittadin tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, li dan il-ħaddiem kien impjegat jew eżerċità l-attività tiegħu fil-Lussemburgu matul perijodu mingħajr interruzzjoni ta' mill-inqas ħames snin fil-mument tat-talba għal għajnuna.

19 Huwa paċifiku li N. Depesme u A. Kauffmann, ċittadini Franċiżi residenti fi Franza, kif ukoll M. Lefort, ċittadin Belġjan residenti fil-Belġju, talbu lill-awtoritajiet Lussemburgiżi, għas-sena akkademika 2013/2014, għajnuna finanzjarja tal-Istat bil-għan li jsegwu studji f'edukazzjoni ogħla fi Franza, fir-rigward tal-ewwel, u fil-Belġju, fir-rigward tat-tieni.

20 Permezz ta' ittri rispettivament tas-26 ta' Settembru, tas-17 ta' Ottubru u tat-12 ta' Novembru 2013, il-Ministru rrifjuta li jilqa' dawn it-talbiet, għar-raġuni li N. Depense kif ukoll A. Kauffmann u M. Lefort ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mil-Liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000.

21 Mit-tliet deċiżjonijiet ta' rinviju jirriżulta li kull wieħed mill-istudenti inkwistjoni ressaq talba għal għajnuna fejn huma sostnew biss f'dan ir-rigward il-kwalità ta' ħaddiem impjegat fil-Lussemburgu tal-missier putattiv tagħhom. Għalhekk il-Ministru qies li N. Depesme kif ukoll A. Kauffmann u M. Lefort ma setgħux jiġu kkwalifikati bħala "ulied" ta' ħaddiem fruntalier, konformement mal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 2bis tal-Liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000, peress li l-missirijiet putattivi tagħhom biss kienu jaħdmu fil-Lussemburgu.

22 Fl-20 ta' Diċembru 2013, N. Depesme ippreżentat rikors quddiem it-tribunal administratif de Luxembourg (tribunal amministrattiv, il-Lussemburgu) intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-Ministru li kienet tirrigwarda lilha. Il-missier putattiv tagħha, S. Kerrou, li kien qed jinvoka l-kwalità tiegħu ta' ħaddiem impjegat fil-Lussemburgu u li sostna li kien qed jikkontribwixxi għall-manteniment ta' N. Depesme intervjena volontarjament fil-kawża mressqa minnha.

23 Fid-29 ta' Jannar u l-25 ta' April 2014, kemm M. Lefort u A. Kauffman ippreżentaw rikors simili kontra d-deċiżjonijiet ta' rifjut li kienu jirrigwardawhom quddiem din l-istess qorti.

24 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-5 ta' Jannar 2015, it-tribunal amministrattiv de Luxembourg (tribunal amministrattiv, il-Lussemburgu) iddikjara r-rikorsi ta' N. Depesme u ta' S. Kerrou, kif ukoll ta' A. Kauffman u M. Lefort ammissibbli, iżda infondati.

25 N. Depesme u S. Kerrou kif ukoll A. Kauffmann u M. Lefort appellaw kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-qorti tar-rinviju.

26 N. Depesme u S. Kerrou jsostnu b'mod partikolari li S. Kerrou, ħaddiem fruntalier il-Lussemburgu għal dawn l-aħħar erbatax-il sena, iżżewweġ, fl-24 ta' Mejju 2006, lil omm N. Depesme u li, minn dak iż-żmien, it-tlieta li huma jiffurmaw parti mill-istess unità familjari. S. Kerrou jsostni li jikkontribwixxi għall-manteniment ta' wild martu, inkluż fir-rigward tal-istudji f'edukazzjoni ogħla ta' dan il-wild, u rċieva allokazzjonijiet għall-familja Lussemburgiżi għal bintu putattiva qabel il-bidu tal-istudji tagħha f'edukazzjoni ogħla.

27 A. Kauffmann isostni li l-ġenituri tiegħu ilhom isseparati sa mis-sena 2003 u ddivorzjaw fl-20 ta' Ġunju 2005, fejn il-kustodja esklużiva tat-tfal tal-koppja ingħatat lill-omm. Huwa jindika li ommu żżewġet, fl-10 ta' Marzu 2007, lis-Sur Kiefer, ħaddiem fruntalier il-Lussemburgu, li miegħu A. Kauffmann jidher li ilu jgħix taħt l-istess saqaf sa minn dak iż-żmien. Jidher li Kiefer ikkontribwixxa għall-manteniment u għall-edukazzjoni ta' A. Kauffmann u rċieva allokazzjonijiet għall-familja Lussemburgiżi għal dan tal-aħħar.

28 M. Lefort isostni li missieru miet, li ommu żżewġet mill-ġdid mas-Sur Terwoigne, ħaddiem fruntalier il-Lussemburgu iktar minn ħames snin ilu, u li, sa mid-data ta' dan iż-żwieġ, huwa jgħix ma' ommu u mal-missier putattiv tiegħu fl-istess unità familjari. Jidher li Terwoigne jikkontribwixxi għall-ispejjeż finanzjarji tad-dar u jgħin ukoll fl-ispejjeż tal-istudji ta' M. Lefort f'edukazzjoni ogħla.

29 Min-naħa tiegħu, l-Istat Lussemburgiż jitlob sabiex jiġu kkonfermati d-deċiżjonijiet tat-tribunal administratif (tribunal amministrattiv) tal-5 ta' Jannar 2015 u jsostni li N. Depesme kif ukoll A. Kauffmann u M. Lefort ma humiex ulied il-missirijiet putattivi tagħhom fis-sens ġuridiku tal-kelma.

30 Il-Cour administrative (qorti amministrattiva, il-Lussemburgu) tenfasizza li l-kundizzjoni ta' filjazzjoni, prevista fl-Artikolu 2bis tal-Liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000, ġiet introdotta sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et* (C-20/12, EU:C:2013:411).

31 Skont il-qorti tar-rinviju, is-soluzzjoni għat-tliet kwistjonijiet pendenti quddiemha tiddependi mill-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "wild" ta' ħaddiem fruntalier, fis-sens tal-Artikolu 2bis tal-Liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000, fid-dawl ta' din is-sentenza u tar-rispett tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011. B'hekk hija tesponi li "l-kriterju rilevanti espost minn [din is-sentenza] huwa dak tal-livell reali ta' rabta ta' student mhux residenti, li qed jitlob għajnuna finanzjarja fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu għal studji f'edukazzjoni ogħla, mas-soċjetà u s-suq tax-xogħol tal-Lussemburgu". Fil-każ fejn din ir-rabta ma tirriżultax direttament mill-istudent, minħabba l-fatt li ma jkunx residenti, iżda mill-ħaddiem fruntalier ta' referenza, hija tistaqsi dwar il-kunċett, sew strettament ġuridiku kif ukoll strettament ekonomiku, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fir-rigward tar-rabta ta' filjazzjoni bejn l-istudent li jitlob għajnuna finanzjarja tal-Istat għal studji f'edukazzjoni ogħla u l-ħaddiem fruntalier. Fil-fehma tagħha, dawn iż-żewġ kunċetti huma neċessarji *a priori*. Fl-ipoteżi fejn il-kunċett ta' "wild" fis-sens tal-Liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000, tirreferi għal dak ta' wild dipendenti, tirriżulta għalhekk il-kwistjoni tal-effett eventwali tal-importanza tar-responsabbiltà meħuda mill-ħaddiem fruntalier fir-rigward tal-istudent. Il-Cour administrative (qorti amministrattiva) tippreċiża li din il-kwistjoni tirrigwarda l-paragun tal-livell ta' teħid ta' responsabbiltà għall-istudent mill-ħaddiem fruntalier, minn naħa, u mill-ġenitur jew ġenituri tiegħu min-naħa l-oħra. Fl-aħħar nett, hija tistaqsi dwar il-portata tal-intensità tar-rabta tal-ħaddiem fruntalier ma' wieħed mill-ġenituri tal-istudent.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour administrative (qorti amministrattiva) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja, redatta bi kliem identiku fil-Kawżi C-401/15 sa C-403/15, b'eċċezzjoni ta' riżerva fil-Kawża C-403/15 imsemmija f'parenteżi kwadri:

"Bl-għan li jiġu ssodisfatti b'mod effettiv ir-rekwiżiti ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) tar-[Regolament Nru 492/2011], flimkien ma' dawk tal-Artikolu 45(2) TFUE, [Kawża C-403/15: 'fuq il-bażi tal-Artikolu 33(1) tal-(Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea), flimkien, jekk ikun il-każ, mal-Artikolu 7 tiegħu,'] fil-kuntest tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-livell reali ta' rabta ta' student mhux residenti, li jitlob għajnuna finanzjarja għal studji ta' edukazzjoni ogħla, mas-soċjetà u mas-suq tax-xogħol tal-Lussemburgu, Stat Membru fejn ħaddiem bejn il-fruntieri kien impjegat jew eżerċita l-attività tiegħu fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2bis tal-[Liġi emendata tat-22 ta' Ġunju 2000], bħala konsegwenza diretta tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tal-20 ta' Ġunju 2013 [Giersch *et* (C-20/12, EU:C:2013:411)],

— il-kundizzjoni li l-imsemmi student ikun il-'wild' tal-imsemmi ħaddiem bejn il-fruntieri għandha tiġi kklassifikata li hija ekwivalenti għal dik li huwa jkun "id-dixxendent [tiegħu] fil-linja diretta u fl-ewwel livell fejn il-filjazzjoni tiegħu tkun ġuridikament stabbilita fir-rigward tal-awtur tagħha' billi ssir enfasi fuq ir-rabta ta' filjazzjoni stabbilita bejn l-istudent u l-ħaddiem bejn il-fruntieri, preżunta li sservi ta' bażi għar-rabta msemmija iktar 'il fuq, jew

— għandha ssir enfasi fuq il-fatt li l-ħaddiem transkonfinali "jkompli jipprovdi l-manteniment tal-istudent" mingħajr ma jkun hemm neċessarjament rabta ġuridika ta' filjazzjoni li torbtu mal-istudent, b'mod partikolari billi tiġi stabbilita rabta suffiċjenti ta' ħajja komuni, tali li tgħaqqdu ma' dak il-ġenitur tal-istudent li fir-rigward tiegħu tinsab ġuridikament stabbilita rabta ta' filjazzjoni?

F'din it-tieni perspettiva, il-kontribuzzjoni, b'ipoteżi mhux obbligatorja, tal-ħaddiem transkonfinali, fil-każ fejn din ma tkunx esklużiva, iżda parallela għal dik tal-ġenitur jew tal-ġenituri marbuta permezz ta' rabta ġuridika ta' filjazzjoni mal-istudent u marbuta, għaldaqstant, bħala prinċipju, b'obbligu legali ta' manteniment fir-rigward tiegħu, għandha tissodisfa ċerti kriterji ta' konsistenza?"

Fuq id-domanda preliminari

33 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li wild ta' ħaddiem fruntalier, li jista' jibbenefika indirettament mill-benefiċċji soċjali msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, bħall-finanzjament tal-istudji mogħtija minn Stat Membru lill-ulied tal-ħaddiema li jeżerċitaw jew li eżerċitaw l-attività tagħhom f'dan l-Istat, għandux jinftiehem fis-sens li dan huwa biss il-wild li għandu rabta ta' filjazzjoni ma' dan il-ħaddiem jew jekk jinkludix ukoll wild il-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat tal-imsemmi ħaddiem. F'din l-aħħar ipoteżi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar l-effett tal-importanza tal-piż kontributtiv tal-ħaddiem fruntalier fil-manteniment ta' dan il-wild fuq id-dritt ta' dan tal-aħħar li jirċievi għajnuna finanzjarja bil-għan li jsegwi studji ta' edukazzjoni ogħla, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

34 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 45(2) jipprovdi li l-moviment liberu tal-ħaddiema jimplika l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni, ibbażata fuq in-nazzjonalità, bejn il-ħaddiema tal-Istati Membri, fir-rigward tal-impjieg, ir-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet l-oħra ta' xogħol (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Gierch *et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 34).

35 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68, li l-kliem tiegħu huwa rriprodott fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, huwa l-espressjoni partikolari, fil-qasam speċifiku tal-għoti ta' benefiċċji soċjali, tar-regola ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilita fl-Artikolu 45(2) TFUE u għandu jiġi interpretat bl-istess mod bħal din l-aħħar dispożizzjoni (ara s-sentenzi tat-23 ta' Frar 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-205/04, mhux ippubblikata, EU:C:2006:137, punt 15; tal-11 ta' Settembru 2007, Hendrix, C-287/05, EU:C:2007:494, punt 53, kif ukoll tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et* , C-20/12, EU:C:2013:411, punt 35).

36 Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, il-ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru għandu jibbenefika, fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra, mill-istess benefiċċji soċjali bħall-ħaddiema nazzjonali.

37 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat numru ta' drabi, fir-rigward tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68, li din id-dispożizzjoni sservi ta' benefiċċju b'mod indiskriminat kemm lill-ħaddiema migranti resident fi Stat Membru ospitanti kif ukoll lill-ħaddiema fruntalieri li, filwaqt li jeżerċitaw l-impjieg tagħhom f'dan l-aħħar Stat Membru, jirrisjedu fi Stat Membru ieħor (ara s-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, Geven, C-213/05, EU:C:2007:438, punt 15; tal-14 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-542/09, EU:C:2012:346, punt 33; tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et* , C-20/12, EU:C:2013:411, punt 37 kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2016, Bragança Linares Verruga *et*, C-238/15, EU:C:2016:949 punt 39).

38 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, għajnuna mogħtija għall-manteniment u għat-taħriġ, bil-għan ta' twettiq ta' studji universitarji ċċertifikati bi kwalifika professjonali, tikkostitwixxi benefiċċju soċjali, fis-sens tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 (sentenzi tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 38; tal-14 ta' Diċembru 2016, Bragança Linares Verruga *et*, C-238/15, EU:C:2016:949, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

39 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-finanzjament tal-istudji mogħti minn Stat Membru lill-ulied tal-ħaddiema jikkostitwixxi, għal ħaddiem migrant, benefiċċju soċjali fis-sens tal-imsemmi Artikolu 7(2) fejn dan tal-aħħar ikompli jipprovdi manteniment tal-wild (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 39, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-membri tal-familja ta' ħaddiem migrant huma benefiċjarji indiretti tal-ugwaljanza fit-trattament mogħti lil dan il-ħaddiem mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68. Peress li l-għoti tal-finanzjament tal-istudji lil wild ħaddiem migrant jikkostitwixxi benefiċċju soċjali għall-ħaddiem migrant, dan il-wild stess jista' jinvoka

din id-dispożizzjoni sabiex jikseb dan il-finanzjament jekk, skont id-dritt nazzjonali, dan jingħata direttament lill-istudent (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Fil-kawżi prinċipali, il-qorti tar-rinviju hija adita b'rikorsi minn studenti mhux residenti fil-Lussemburgu ppreżentati wara r-rifjut minn dan l-Istat Membru li jagħtihom l-għajnuna finanzjarja tal-Istat għal studji f'edukazzjoni ogħla. Dawn l-istudenti jqisu li jistgħu jibbenefikaw minn din l-għajnuna minħabba r-rabtiet familjari tagħhom ma' ħaddiem fruntalier, li, filwaqt li ma huwiex missierhom, sar il-konjuġi ta' ommhom wara d-divorzju tal-ġenituri tagħhom jew, fil-każ ta' M. Lefort, wara l-mewt ta' missierha.

42 Għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk il-kliem "wild ta' ħaddiem migrant", fis-sens fejn dan jintuża fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68, li tista' tiġi trasposta għall-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, u b'mod partikolari fis-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et* (C-20/12, EU:C:2013:411), jinkludix ulied il-konjuġi jew is-sieħeb irrikonoxxut mid-dritt nazzjonali ta' dan il-ħaddiem.

43 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat li l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament Nru 1612/68, imħassar bid-Direttiva 2004/38, kien jipprovdi li l-konjuġi ta' dan il-ħaddiem "u d-dixxendenti tagħhom li huma taħt l-età ta' 21 sena jew huma dipendenti" kellhom id-dritt li jinstallaw lilhom infushom mal-ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru impjegat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom.

44 Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat din id-dispożizzjoni fis-sens li kemm id-dixxendenti ta' dan il-ħaddiem kif ukoll dawk tal-konjuġi tiegħu għandhom id-dritt li jinstallaw lilhom infushom mal-imsemmi ħaddiem. Fil-fatt, interpretazzjoni restrittiva tal-imsemmija dispożizzjoni fis-sens li huma biss l-ulied komuni tal-ħaddiem migrant u tal-konjuġi tiegħu li setgħu jibbenefikaw minn dan id-dritt kienet tmur kontra l-għan ta' integrazzjoni tal-membri tal-familja tal-ħaddiema migranti mfittxija mir-Regolament Nru 1612/68 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R, C-413/99, EU:C:2002:493, punt 57).

45 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità li tosserva li l-membri tal-familja ta' ħaddiem, li jibbenefikaw indirettament mill-ugwaljanza fit-trattament irrikonoxxuta lill-ħaddiema migranti mill-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1612/68, kienu l-membri tal-familja, fis-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68 (ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 1987, Lebon, 316/85, EU:C:1987:302, punt 12).

46 Għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68 ġie mħassar bid-Direttiva 2004/38, minħabba l-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jikkodifika, f'test leġiżlattiv wieħed, id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja tal-ħaddiema impjegati, mhux impjegati, tal-istudenti u tal-persuni l-oħra mingħajr impjieg bil-għan li jissemplifika u li jsaħħaħ dan id-dritt.

47 Fil-kuntest ta' din ir-riforma, il-leġiżlatur irriproduċa, fil-punt 2(c) tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, il-kunċett ta' "membru tal-familja", hekk kif ġie ddefinit mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-Regolament Nru 1612/68, billi ppreċiżat li dan għandu jinftiehem li jinkludi d-dixxendenti diretti ta' dan iċ-ċittadin li għandhom inqas minn 21 sena jew li huma dipendenti "u dawk tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb/sieħba" irrikonoxxut jew irrikonoxxuta mid-dritt nazzjonali.

48 Hekk kif ikkonstata l-Avukat Ġenerali fil-punt 43 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa f'dan il-kuntest ġurisprudenzjali u leġiżlattiv, espost fil-punti 42 sa 47 ta' din is-sentenza, li għandhom jidħlu s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et* (C-20/12, EU:C:2013:411) u t-terminu "wild" użat fiha.

49 B'hekk jidher li l-kliem "wild ta' ħaddiem migrant", fis-sens użat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jinkludu lil ulied il-konjuġi ta' dan il-ħaddiem jew tas-sieħeb tiegħu rrikonoxxut mid-dritt nazzjonali.

50 L-argument tal-Gvern Lussemburgiż li d-Direttiva 2004/38 tirrigwarda biss id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom għal moviment u għal residenza b'mod liberu fit-territorju tal-Istati Membri u mhux id-dritt tal-ħaddiema fruntalieri li jibbenefikaw mill-istess benefiċċji soċjali bħal dawk ta' ħaddiema nazzjonali, previst fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, ma huwiex tali li jinvalida lil din l-interpretazzjoni.

51 Fil-fatt, mill-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mfakkra fil-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza, kif ukoll mill-fatt li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 sempliċement irriproduċa, mingħajr bidliet, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68, jirriżulta li l-membri tal-familja, li jistgħu jibbenefikaw indirettament mill-ugwaljanza fit-trattament skont ir-Regolament Nru 492/2011, huma l-membri tal-familja fis-sens tad-Direttiva 2004/38. Ebda element ma jagħti lil wieħed x'jifhem li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jistabbilixxi, fir-rigward tal-membri tal-familja, distinzjoni stretta bejn il-kampi ta' applikazzjoni rispettivi tad-Direttiva 2004/38 u tar-Regolament Nru 492/2011, li skontha l-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fis-sens tad-Direttiva 2004/38 ma humiex neċessarjament l-istess persuni bħall-membri tal-familja ta' dan iċ-ċittadin meta dan jiġi kkunsidrat fil-kwalità tiegħu bħala ħaddiem.

52 Barra minn hekk, il-fatt li l-kliem "wlied ta' ħaddiema transkonfinali [fruntaliera]", li jistgħu jibbenefikaw indirettament mill-prinċipju ta' ugwaljanza stabbilit fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, għandu jiġi interpretat fir-rigward tal-kunċett ta' "membri tal-familja" hekk kif ġie ddefinit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mar-Regolament Nru 1612/68 u rriprodott sussegwentement mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, huwa kkorroborat bid-Direttiva 2014/54, li t-terminu ta' traspożizzjoni tagħha skada fil-21 ta' Mejju 2016.

53 Fil-fatt, mill-premessa 1 tad-Direttiva 2014/54, li tiddikjara li l-"implimentazzjoni tiegħu hija żviluppata aktar mil-liġi tal-Unjoni immirata biex tiggarantixxi l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom", jirriżulta li l-espressjoni "'Membri tal-familja tagħhom' għandha tinftiehem fl-istess sens tat-terminu kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva [2004/38] li tapplika wkoll għal membri tal-familja ta' ħaddiema tal-fruntiera".

54 Issa, skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2014/54, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa identiku għal dak tar-Regolament Nru 492/2011. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/54, l-għan tagħha barra minn hekk huwa li jiffaċilita u juniformizza l-mod ta' kif jiġu applikati u rrispettati d-drittijiet mogħtija mill-Artikolu 45 TFUE u mill-Artikoli 1 sa 10 tar-Regolament Nru 492/2011.

55 Sa fejn jissodisfaw id-definizzjoni ta' "membru tal-familja", fis-sens tal-punt 2(c) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, ta' ħaddiem fruntalier li huwa stess jippreżenta rabtiet suffiċjenti mas-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti, jidher għalhekk li ulied il-konjuġi jew sieħeb irrikonoxxut mill-imsemmi Stat Membru ospitanti ta' dan il-ħaddiem fruntalier jistgħu jiġu kkunsidrati bħala uliedu bil-għan li jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-dritt li jirċievu għajnuna finanzjarja għat-twettiq tal-istudji tagħhom f'edukazzjoni ogħla kkunsidrata bħala benefiċċju soċjali fis-sens tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011.

56 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll, essenzjalment, dwar l-effett tal-importanza tal-kontribuzzjoni, mill-ħaddiem fruntalier, għall-manteniment tal-wild tal-konjuġi tiegħu fuq id-dritt ta' dan il-wild li jibbenefika minn għajnuna finanzjarja, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

57 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 39 ta' din is-sentenza jirriżulta li huwa meta l-ħaddiem migrant ikompli jikkontribwixxi għall-manteniment tal-wild li l-finanzjament tal-istudji mogħti mill-Istat Membru lil dan il-wild jikkostitwixxi benefiċċju soċjali għal dan il-ħaddiem, fis-sens tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi osservat li l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68, imħassar bid-Direttiva 2004/38, kien jipprovdi li "l-mara tiegħu [konjuġi] u d-dixxendenti tagħhom li huma taħt l-età ta' 21 sena jew huma dipendenti" kellhom id-dritt li jgħixu mal-ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru impjegat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, tkun liema tkun in-nazzjonalità tiegħu. Permezz tad-Direttiva 2004/38, il-leġiżlatur tal-Unjoni kkunsidra wkoll li għandhom jitqies bħala "membri tal-familja" fis-sens tal-punt 2(c) tal-Artikolu 2 tagħha, "id-dixxendenti diretti [taċ-ċittadin tal-Unjoni] li għandhom inqas minn 21 sena jew li huma dipendenti u dawk tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb/sieħba [rikonoxxut/a]".

58 Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kwalità ta' membru tal-familja dipendenti, fis-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68, ma kinitx tagħti lok għal dritt għal allowances. Li kieku dan kellu jkun il-każ, ir-riunifikazzjoni tal-familja li kienet tipprevedi din id-dispożizzjoni jkun jiddependi mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, li jvarjaw minn Stat għal ieħor, liema fatt iwassal għall-applikazzjoni mhux uniformi tad-dritt tal-Unjoni. B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament Nru 1612/68 fis-sens li l-kwalità ta' membru tal-familja dipendenti tirriżulta minn sitwazzjoni ta' fatt. Dan huwa membru tal-familja li s-sostenn tiegħu huwa żgurat mill-ħaddiem, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu ddeterminati r-raġunijiet tar-rikors għal dan is-sostenn u mingħajr ma wieħed jistaqsi jekk il-persuna kkonċernata tinsabx f'pożizzjoni li tipprovdi għall-bżonnijiet tagħha permezz tal-eżerċizzju ta' attività remunerata. Din l-interpretazzjoni hija meħtieġa mill-prinċipju li skontu d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-moviment liberu tal-ħaddiema, li jikkostitwixxi wieħed mill-elementi bażiċi li fuqhom hija mibnija l-Unjoni, għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa' (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 1987, Lebon, 316/85, EU:C:1987:302, punti 21 sa 23).

59 Issa, hekk kif ikkonstata l-Avukat Ġenerali fil-punt 67 tal-konklużjonijiet tiegħu, interpretazzjoni bħal din għandha tapplika wkoll meta jkun hemm ukoll inkwistjoni l-kontribuzzjoni ta' ħaddiem fruntalier għall-manteniment tal-ulied tal-konjuġi tiegħu jew tas-sieħeb irrikonoxxut tiegħu.

60 Għalhekk hemm lok li jiġi kkunsidrat, f'dan il-każ, li l-kwalità ta' membru tal-familja dipendenti tirriżulta minn sitwazzjoni ta' fatt, li għandha tiġi evalwata mill-Istat Membru u, jekk ikun il-każ, mill-qrati nazzjonali. Il-kwalità ta' membru tal-familja ta' ħaddiem fruntalier li huwa dipendenti ta' dan tal-aħħar tista' għalhekk tirriżulta, meta tirrigwarda s-sitwazzjoni tal-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irrikonoxxut ta' dan il-ħaddiem, minn elementi oġġettivi bħall-eżistenza ta' dar komuni bejn dan il-ħaddiem u l-istudent, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu ddeterminati r-raġunijiet tal-kontribuzzjoni tal-ħaddiem fruntalier għall-manteniment tal-istudent u lanqas li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' dan il-manteniment.

61 Madankollu l-Gvern Lussemburgiż isostni li jkun diffiċli li l-amministrazzjoni kompetenti tintalab tfittex, għal kull każ, jekk u kemm il-ħaddiem fruntalier, ġenitur putattiv ta' student li jitlob l-għoti tal-għajnuna finanzjarja inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkontribwixxi għall-manteniment ta' dan l-istudent.

62 Issa, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni jqis li l-ulied huma, fi kwalunkwe każ, meqjusa li huma dipendenti sal-età ta' 21 sena, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 2(c) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38.

63 Min-naħa l-oħra, mill-proċess fil-pussess tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlatur Lussemburgiż innifsu ssuġġetta l-għoti tal-għajnuna finanzjarja tal-Istat għal studji f'edukazzjoni ogħla, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Liġi tal-24 ta' Lulju 2014 applikabbli mis-sena akkademika 2014/2015, għall-kundizzjoni li l-ħaddiem "ikompli jikkontribwixxi għall-manteniment tal-istudent". Il-Gvern Lussemburgiż ma jistax għalhekk validament isostni li kundizzjoni ta' kontribuzzjoni għall-manteniment tal-istudent ma tistax tiġi vverifikata mill-amministrazzjoni.

64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandha tingħata risposta għad-domanda magħmula li l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 għandhom jiġu interpretati fis-sens li wild ħaddiem fruntalier, li jista' jibbenefika indirettament mill-benefiċċji soċjali msemmija f'din l-aħħar dispożizzjoni, bħall-finanzjament tal-istudji mogħti minn Stat Membru lill-ulied tal-ħaddiema li jeżerċitaw jew li eżerċitaw l-attività tagħhom f'dan l-Istat, ma għandux jitqies li huwa biss wild li għandu rabta ta' filjazzjoni ma' dan il-ħaddiem, iżda wkoll wild il-konjuġi jew sieħeb irreġistrat tal-imsemmi ħaddiem, meta dan tal-aħħar jikkontribwixxi għall-manteniment ta' dan il-wild. Dan l-aħħar rekwiżit jirriżulta minn sitwazzjoni ta' fatt, li għandu jiġi evalwat mill-amministrazzjoni u, jekk ikun il-każ, mill-qrati nazzjonali, mingħajr ma jkun meħtieġ għalihom li jiddeterminaw ir-raġunijiet ta' din il-kontribuzzjoni jew li jikkwantifikaw id-daqs eżatt tagħha.

Fuq l-ispejjeż

65 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li wild ħaddiem fruntalier, li jista' jibbenefika indirettament mill-benefiċċji soċjali msemmija f'din l-aħħar dispożizzjoni, bħall-finanzjament tal-istudji mogħti minn Stat Membru lill-ulied tal-ħaddiema li jeżerċitaw jew li eżerċitaw l-attività tagħhom f'dan l-Istat, ma għandux jitqies li huwa biss wild li għandu rabta ta' filjazzjoni ma' dan il-ħaddiem iżda wkoll wild il-konjuġi jew sieħeb irreġistrat tal-imsemmi ħaddiem, meta dan tal-aħħar jikkontribwixxi għall-manteniment ta' dan il-wild. Dan l-aħħar rekwiżit jirriżulta minn sitwazzjoni ta' fatt, li għandu jiġi evalwat mill-amministrazzjoni u, jekk ikun il-każ, mill-qrati nazzjonali, mingħajr ma jkun meħtieġ għalihom li jiddeterminaw ir-raġunijiet ta' din il-kontribuzzjoni jew li jikkwantifikaw id-daqs eżatt tagħha.

Firem